MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2013

Numru. 387/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR DARRYL BORG**
**VS**
**RAMADAN HUSSEIN ABDULLAH**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Ramadan Hussein Abdullah bin Adbullah Ramadan u Fatima nee' Wasif, mwieled Marokk nhar it- 23 ta' Novembru 1987, residenti indirizz mhux maghruf u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 9000227A;

Talli nhar it- 30 ta' Gunju f' dawn il- Gzejjer ghal habta tas- 01.00am gewwa San Giljan u f' dawn il- Gzejjer kellu fil- pussess tieghu ir- raza mehudha mill- pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir- raza;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Wara li rat l-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------